# QORTI TAL-APPELL
# (Sede Inferjuri)

## Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri
## B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.

**Seduta tal-Gimgha, 5 ta' Lulju, 2019**

## Appell numru: 5/18
**Wara sentenza tat-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumatur ref: CCT/153/17/S datata 5 ta' Lulju, 2018**

## James Formosa

**vs.**

## Sunday Johnson

## Il-Qorti

1. Illi dan huwa appell minn decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur datat 5 ta' Lulju, 2018 fejn gie deciz kif isegwi:

*'Therefore, for the reasons explained hereinabove, after having seen Chatper 378 of the Laws of Malta as well as the applicable subsidiary legislation and in the circumstances of the case, the Tribunal decides to:*
*i. uphold Claint's claim for a default order against Respondent in terms of Rule 4.1 of S.L. 378.01 and in view of the such order:*

*a. Order Respondent to pay to Claimant the amount of six hundred Euros (€600) established ex aequo et bono; and*
*b. Declines to take cognizance of respondent's reply in view of the late submission.*

*The Tribunal orders that the costs of the case be borne by Respondent.*

Din id-decizjoni nghatat wara li l-appellant James Formosa ressaq ilment kontra l-intimat appellat Sunday Johnson quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumatur fejn allega li l-appellat kien inghata diversi xoghlijiet ta' tqeghid ta' madum u kisi izda parti mix-xoghlijiet tal-appellat ma sarux sew kif certifikat ukoll mill-perit tal-appellant James Formosa.

Ghalkemm l-appellat ressaq risposta quddiem it-Tribunal din giet meqjusa mit-Tribunal bhala prezentata *fuori termine* w'ghalhekk it-Tribunal ma hax konjizzjoni tal-istess.

Finalment jirrizulta li t-Tribunal laqa' t-talba tal-appellant Formosa biss *in parte* stante li ghalkemm it-talba kienet ghas-somma ta' elf, seba' mija u erba' Euro (€1,704) it-Tribunal iddecieda u akkorda s-somma ta' sitt mitt Euro (€600) *ex aequo et bono.*

2. Rat illi fir-rikors tal-appell, l-appellant James Paul Formosa qajjem aggravju wiehed kif isegwi:

'Illi t-Tribunal ghamel apprezzament manifestament hazin tal-fatti u applikazzjoni hazina tal-ligi'.

Konsegwentement ghaddha sabiex jaqsam dan l-aggravju fi tliet ilmenti li ser jigu trattati minn din il-Qorti aktar l-isfel f'din id-decizjoni.

L-appellant qed jitlob li din il-Qorti:

'tilqa' dan l-appell, thassar u tirriforma s-sentenza appellata in kwantu illikwidat l-ammont dovut lill-appellant is-somma ta' €600 billi tordna li l-appellat ihallas lill-appellant l-ammont kollu mitlub mill-istess appellant u tikkonfermaha fil-bqija. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat.'

3. Rat illi l-appellat Sunday Johnson ghalkemm debitament notifikat naqas li jiprezenta r-risposta ghall-appell kif ukoll naqas milli jidher quddiem din il-Qorti fis-seduta tal-21 ta' Gunju, 2019.

4. Semghet it-trattazzjoni tal-appell da parti tal-appellant fis-seduta tal-21 ta' Gunju, 2019 u ddiferiet l-appell ghad-decizjoni ghal-lum.

5. Illi l-ewwel ilment fl-aggravju tal-appellant jaqra kif isegwi:

'1. Illi gja la darba t-Tribunal qies lill-appellat kontumacja u sussegwentement laqa' l-Ordni ta' Inadempjenza tal-appellant kontra l-appellat intimat ai termini tar-Regola 4.1 tal-L.S. 378.01, it-Tribunal kellu jghaddi sabiex jikkundanna lill-appellat jhallas is-somma reklamata *in toto* u mhux jahdem somma *ex aequo bono.'*

Il-Qorti f'dan ir-rigward rat ir-regola 4.1 tal-L.S. 378.01 (Regoli dwar it-Tribunal ghal talbiet tal-Konsumaturi f'liema regola jinghad illi jekk l-intimat jonqos milli jwiegeb, ir-rikorrent jista', skont ir-regola 6, jirrikorri lejn it-Tribunal sabiex tinhareg ordni ta' inadempjenza kontra l-intimat. Rat ukoll ir-regola 6 li tirrikjedi fir-regola 6.1 li jekk l-intimat ma jiprezentax risposta ghal Talba fiz-zmien stabbilit fir-Regola. 5.4, ir-rikorrent jista' jitlob lit-Tribunal sabiex johrog ordni ta' inadempjenza kontra l-intimat.

Illi fil-kaz odjern jirrizulta li effettivament risposta fl-atti dahlet izda din dahlet tardivament cioe' oltre t-terminu tat-tmintax-il gurnata (18) mposta mil-ligi. Jirrizulta mill-atti li r-rikorrent appellat fl-ebda stadju tal-proceduri quddiem it-Tribunal ma talab, ai termini tar-regola 6.1, li t-Tribunal johrog ordni ta' inadempjenza kontra l-intimat. Jirrizulta mill-atti li l-appellant James Formosa permezz ta' nota (mhux rikors) li tinsab a fol. 8b u li ma ghandha l-ebda data ssottometta biss li r-risposta kienet giet prezentata *fuori termine* u kellha tigi sfilzata.

Illi jirrizulta lill-Qorti li fid-decizjoni tieghu t-Tribunal ha konjizzjoni ta' din is-sottomissjoni u korrettement iddecieda li r-risposta kienet giet prezentata *fuori termine*. Sa dan l-istadju d-decizjoni appellata hija legalment korretta. Din il-Qorti izda ma tara l-ebda raguni valida fil-ligi ghalfejn f'dak l-istadju t-Tribunal prosegwa sabiex jaghmel referenza ghar-regola 4.1 stante li fl-ebda hin ir-rikorrent illum appellant ma kien ghamel talba sabiex din tigi applikata.

Illi dak kollu suespost izda ghandu jittiehed fil-kuntest tal-ewwel ilment fl-aggravju tal-appellant fejn l-appellant qed isostni li la darba t-Tribunal laqgha l-ordni ta' inadempjenza allura l-appellant kellu jigi kkundannat ihallas is-somma kollha reklamata u mhux jiddeciedi somma *ex auequo et bono*.

Illi l-Qorti ma taqbilx ma dak suespost. Apparti l-fatt suespost li t-Tribunal legalment ma setax japplika r-regola 4.1 ghaliex ma saritx it-talba apposita u fuq kollox risposta kienet dahlet ghalkemm tardiva u korrettement giet sfilzata, il-Qorti taghmel referenza ghall-verbal tas-seduta datata 4 ta' Mejju, 2018 fejn jinghad li deher kemm ir-rikorrent appellant assistit kif ukoll l-intimat appellat u ghalkemm gie dikjarat li kien ser jixhed l-intimat Sunday Johnson, l-appellant James Formosa bl-ebda mod ma rregistra l-opposizzjoni tieghu ghax-xhieda tal-istess. Dan nonostante li kienet gia giet intavolata fl-atti n-nota li permezz taghha r-rikorrent appellanti kien issottometta li r-risposta kellha tigi meqjusa *fuori termine*.

Illi din il-Qorti tqis li f'cirkustanzi fejn it-Tribunal kellu a disposizzjoni tieghu xhieda kif ukoll rapport ta' Perit u dan b'approvazzjoni tar-rikorrent appellant, it-Tribunal kien ikun qed jippekka legalment li kieku ma hax konjizzjoni tar-rizultanzi tal-istess provi u gharbel l-istess qabel ma wasal ghad-decizjoni tieghu u mhux kif sottomess mill-appellant dan minghajr pregudizzju ghaz-zewg ilmenti tal-appellant li jsegwu kontenuti fl-appell.

Illi dwar ir-risposta kien l-istess Tribunal li fid-decizjoni tieghu ddecieda li ma kienx ser jiehu konjizzjoni tar-risposta tal-intimat stante li kienet tardiva w'ghaldaqstant dan l-ilment kif dirett ghar-risposta esebita ma jirrizultax li huwa gjustifikat.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti, il-Qorti ma tqisx li dan l-ewwel ilment da parti tal-appellant huwa gjusitikat u ser tghaddi sabiex tichad l-istess, b'riserva ghall-bqija tal-aggravju.

6. Illi stante li t-tieni u t-tielet ilment it-tnejn jikkoncernaw t-tnaqqis tal-ammont mitlub da parti tat-Tribunal il-Qorti ser tghaddi sabiex titratta dawn iz-zewg ilmenti f'daqqa:

Illi t-tieni ilment fl-aggravju tal-appellant jaqra kif isegwi:

' . . . ir-raguni li ghaliha t-Tribunal wasal sabiex jiddeciedi li jnaqqas mill-ammont mitlub mhix tajba. Il-Perit innota li x-xoghlijiet li saru fil-kamra tal-banju fl-ewwel sular senjatament il-madum imwahhal mal-hajt divizorju ma kienx imwahhal tajjeb. Il-Perit ma setghax jaccerta ruhu jekk id-dizlivell kienx kawza ta' difett fil-madum innifsu jew inkella difett fil-mod ta' kif twahhal u dan peress li l-madum kien diga mwahhal meta kkostata x-xoghol. Minhabba din il-konkluzjoni tal-Perit dan it-Tribunal naqqas l-ammont reklamat bi kwazi zewg terzi (2/3) u cioe' minn €1,704 naqqashom ghal €600.

Illi l-esponenti umilment jissottometti li t-Tribunal iddecieda skorettament stante li l-kawza tad-difett hija irrelevanti u dan peress li l-appaltatur kellu l-obbligu li ma jwahhalx madum li jirrizultalu li huwa difettuz. L-appellant isostni li l-madum ma kienx difettuz stante li huwa kien spezzjonah personalment, izda anke jekk kellu jirrizulta l-madum kien difettuz l-appaltatur kellu jaghmel ix-xoghol skont is-sengha billi ma jipprocedix iwahhal il-madum u minflok jigbed l-attenzjoni tal-appellant jew juza madum li mhux difettuz.

Illi l-fatt li l-madum kif inhu prezentement imwahhal mhux tajjeb u skond is-sengha, dan sejjer iwassal lill-appellant jizborsa spejjez sabiex ikisser il-madum u jerga' jwahhlu. Xi haga li kienet tigi evitata li kieku l-madum jew ma twahhalx jew twahhal b'mod tajjeb.

Illi skont l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kummerecjali tas-27 ta' Marzu 1972 fl-ismijiet 'Mario Blackman vs. Carmelo Farrugia et noe' il-Qorti ikkonkludiet:

'l-appaltatur ghandu jesegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li hwua ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li 'l quddiem juri difetti. F'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu 'il quddiem'.

It-tielet ilment fl-aggravju tal-appellant jaqra kif isegwi:

' . . . jekk kellu jkun hemm xi tnaqqis, dan it-tnaqqis zgur ma kellux ikun ta' aktar minn hamsin fil-mija (50%) hekk kif illikwidah it-Tribunal. Ir-rapport tal-Perit jindika bosta bnadi li kellhom difett u d-difett li ghamel referenza t-Tribunal ghalih kien pjuttost zghir hdejn il-bqija. Mir-relazzjoni tal-perit jirrizulta li l-madum tas-sular ta' fuq ma kienx impoggi sew u lanqas dak fil-kamra tal-banju fis-sular ta' isfel. Rigward id-dubju dwar jekk id-difett kienx rizultat ta' difett fil-madum jew fix-xoghol, il-Perit minkejja dan xorta wahda indika li l-madum tal-kamra tal-banju tas-sular ta' isfel seta' tpogga sew.'

Jirrizulta lill-Qorti mid-decizjoni tat-Tribunal li l-kwistjoni dwar id-difetti fil-madum kienet limitata biss ghall-madum tal-kamra tal-banju fil-fatt fid-decizjoni tieghu t-Tribunal jikkunsidra kif isegwi:

*'That in the Tribunal's view, the report drawn up by architect Ian Turban is quite clear in that it states in no uncertain terms that Respondent's workmanship would result in an uneven surface when parquet floorboards were eventually placed. However, the Tribunal observes that Turban could not determine whether the defects related to the bathroom tiles were due to bad workmanship or due to tiles which were not of good quality.'*

Il-Perit imqabbad mir-rikorrent Ian Turban fix-xhieda tieghu datata 23 ta' Novembru 2017 (fol. 5a) dwar il-madum tal-kamra tal-banju jixhed kif isegwi:

*'Mill-ispezzjoni vizwali li ghamilt ma stajtx niddetermina jekk ma kienx xoghol hazin kif tqieghed jew minhabba il-maduma innifisa. Indunajt ukoll li kien hemm ftit madum minn dan il-hajt seta jitpogga ahjar ghax kien hemm qabza minn wahda ghall-ohra u fl-istess kamra kien hemm ukoll xi xogholijiet zghar li forsi ghad iridu jsiru ezempju tqattiegh tal-madum minn mal-koxox tal-bibien u fil-kantuniera li hemm fil-kamra tal-banju. Kif jien infurmat ix-xoghol kien tlesta imma ghalija kien jidher li ghadu incomplete.'*

Illi skont ir-raport tal-Perit Ian Turban esebit a fol. 5c jirrizulta li l-istima sabiex isiru xoghlijiet rimedjali fil-kamra tal-banju tammonta ghas-somma ta' mitejn u sittin Euro (€260) filwaqt li l-bqija tal-istima tirrigwarda l-ambjenti barra l-kamra tal-banju.

Illi dwar ix-xoghlijiet li saru barra l-kamra tal-banju fil-bqija tal-ambjenti tal-appartament ma jirrizultax lill-Qorti li fl-atti nqalghet xi kwistjoni dwar madum difettuz. Anzi jirrizulta li l-istess Tribunal wasal ghall-istess konkluzjoni tal-Perit Turban li x-xoghlijiet kienu 'faulty'.

Illi in vista tas-suespost, din il-Qorti ma tara l-ebda raguni valida fil-ligi u lanqas ma tista' tasal ghall-ebda ragunament validu fattwalment ghalfejn it-Tribunal iddecieda li nonostante li l-ammont pretiz ghall-kamra tal-banju kien kjarament identifikabbli cioe' dak ta' mitejn u sittin Euro (€260) filwaqt li s-somma rimanenti ma jidhirx li l-intimat kien irnexxielu jikkontesaha, it-Tribunal iddecieda li jnaqqas somma ferm akbar minn dik ta'mitejnu sittin Euro (€260) minghajr ebda bazi. Ghalhekk f'dan il-kuntest il-Qorti tqis li t-tieni u t-tielet ilment tar-rikorrent appellant huma gjustifikati.

Illi izda fl-ilmenti tieghu l-appellant isostni wkoll li t-Tribunal ma kienx legalment korrett meta abbazi tal-allegazzjoni li l-madum seta' kien difettuz, iddecieda li jnaqqas mis-somma pretiza bhala danni mir-rikorrent. Sabiex isahhah l-argument tieghu l-appellant jaghmel referenza ghal gurisprudenza li giet ikwotata.

Il-Qorti f'dan ir-rigward rat ix-xhieda kollha esebiti fl-atti u mkien ma sabet prova sal-grad rikjest mil-ligi li l-intimat seta' b'xi mod induna li l-madum kien difettuz qabel ma dan twahhal. Anzi l-provi pjuttost juru li jekk dan il-madum kien difettuz, din il-kwistjoni tqajmet wara li twahhal u mhux qabel. Ghalhekk il-Qorti ma tqisx li l-intimat ghandu jbaghti hu l-konsegwenzi kollha tal-possibilita' li l-madum seta' kien difettuz. Min-naha l-ohra izda jirrizulta li fl-istess kamra tal-banju rrizultat evidenza cara li l-madum ma twahhalx skont is-sengha u l-arti rrilevantement mill-kwistjoni dwar jekk il-madum setghax kien difettuz jew le. Ir-rikorrent appellat jixhed li:

*'The work in the toilet I am asking for reparatory works ghax jidher vizwalment x'hin tidhol tinduna. Hemm bicca imqabbza bicca il-gewwa qisu tifel ta' 5 snin wahhala hu. Il-koxxa tal-biex ma qatahhiex.*

Dan ikkonfermah ukoll il-Perit Trubbna fix-xhieda tieghu kwotata aktar 'il fuq fejn xehed li x-xoghol kien tpogga hazin u ma kienx jidher lest. Ghal dan ix-xoghol hazin jista' jahti biss l-intimat u hadd aktar ghalhekk it-Tribunal kellu wkoll jiehu nota ta' din ir-rizultanza fil-kalkolu tieghu tad-danni.

Il-Qorti ghalhekk tqis li d-decizjoni tat-Tribunal li jistabilixxi danni *ex aequo et bono* ta' sitt mitt Euro (€600) ma kinitx legalment u fattwalment gjusitifikata u f'dan ir-rigward ukoll it-tieni u t-tielet ilment tal-appellant huwa gjustifikati.

Il-Qorti b'referenza ghar-rapport tal-Perit Ian Turban tqis li fl-atti:

1. Id-danni ndikati bhala 'Supply of tiles for underlay', Laying of Tiles, inclusive of screed and grouting' u 'Uplifting and carting away of tiles' gew sufficjentement pruvati w'ghalhekk is-somma totali ta' elf, mija u erbgha u disghin Euro (€1194) danni giet sufficjentement pruvata. Dwar is-somma ta' mitejn u sittin Euro (€260) indikata bhala 'remedial works in bathroom' l-Qorti fic-cirkustanzi tqis li l-intimat ghandu jigi kkundannat ihallas nofs is-somma u cioe' s-somma ta' mija u tletin Euro (€130). Total ta' danni dovuti mill-intimat appellat lill-appellant tammonta ghal elf, tlett mija u erbgha u ghoxrin Euro (€1324) flimkien mal-ispejjez tal-perit fis-somma ta'mitejn u hamsin Euro (€250), total ta' danni likwidati elf, hames mija u erbgha u sebghin Euro (€1574).

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta w'tiddeciedi dan l-appell kif isegwi:

Tilqa' l-appell fis-sens hawn fuq deciz u tirriforma d-decizjoni appellata billi filwaqt li tikonfermaha f'dik il-parti fejn gie deciz li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-risposta tardiva tal-intimat tghaddi sabiex tirrevokaha fil-bqija, tillikwida d-danni dovuti mill-intimat Sunday Johson lill-appellant James Formosa fis-somma ta' elf, hames mija u erbgha u sebghin Euro (€1574) u tordna lill-intimat Sunday Johnson ihallas id-danni hekk likwidati minn din il-

Qorti fis-somma ta' elf, hames mija u erbgha u sebghin Euro (€1574) lill-appellant James Formosa.

In vista tal-ammont minimu mnaqqas mis-somma pretiza da parti tar-rikorrent appellant l-Qorti tqis li l-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jigu sopportati mill-intimat appellant.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
Deputat Registratur

Vera kopja

D/Registratur